MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Numru. 518/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIA MICALLEF**
**KONTRA**

**ANGEL DIMECH**
**HERBERT BUSUTTIL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Angel Dimech ta’ 53 sena, bin il- mejjet Joseph u Paola nee’ Caruana, mwieled Valletta nhar il- 21 ta’ Awwissu 1956, residenti 18 Rick Flt 2, Triq l- Imsierah, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 569656(M);

U

Herbert Busuttil ta’ 54 sena, bin Joseph u Bridget nee’ Vella, mwieled Bormla nhar l- 4 ta’ Mejju 1956, residenti 6 Au Soleil, Flat 2, Triq il- Kampanella, Fgura u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 325156(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 22 ta’ Lulju 2009, ghall- habta tas- 2.30pm, minn gewwa l- ufficini tal- Kumpanija Go sitwati fi Triq Parisio, Sliema, ikkommetew serq mill- istess ufficini ghad- detriment tal- Kumpanija Go u/ jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- persuna;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti giet infurmata lid an il-kaz kien jittratta t-tehid ta’ xi oggetti minn ufficcju mhux uzat tas-socjeta’ GO. L-imputati, li huma impjegati mal-istess socjeta’ u ilhom hekk ghal bosta snin, hadu zewg siggijiet tal-ufficcju minn fost ghamara ohra li kienet sejra tintrema. Minnflok ma talbu li jixtru dawk is-siggijiet, huma qabdu u haduhom. Bhala reat, huwa wiehed de minimis, inkluz il-valur tal-oggett mehud, izda ghalkemm is-siggijiet kienu ser jintremew, xorta jezistu l-elementi formali tar-reat tas-serq.

Madankollu, dawn gew restitwiti minnufih mill-imputati, u l-Qorti giet ukoll infurmata li huma ghadhom fis-servizz tal-istess socjeta’, u li passi dixxiplinari gia’ ittiehdu. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li ghandha taghti xi piena iebsa f’dan il-kaz, u jidher sew li l-imputati tghallmu minn dan l-izball taghhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------